

31996R0122

L 20/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.1.1996

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 122/96****tat-22 ta' Jannar 1996****li jistabbilixxi trattament ta' tariffa favorevoli għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti fiż-żoni ħielsa ta' Madeira u l-Ażores minħabba l-użu finali tagħhom**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/315/KEE <sup>(1)</sup> stabbilixxa programm ta' għażliet speċifiċi għan-natura remota u insulari ta' Madeira u l-Ażores (Poseima); billi l-programm jagħraf fil-preambolu tiegħu illi ż-żoni ħielsa ta' l-Ażores u Madeira huma essenzjali għall-iżvilupp taż-żewġ arċipelagi u għal dan l-iskop stabilixxit miżuri speċifiċi sabiex jistimulaw attività hemmhekk;

Billi Dikjarazzjoni 26 dwar ir-reġjoni l-aktar imbiegħda tal-Komunità, annessa ma' l-Att Finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tinkuraġġixxi miżuri speċifiċi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' dawk ir-reġjuni sakemm ikun hemm il-ħtieġa oġġettiva li jittieħdu dawn il-miżuri;

Billi s-sitwazzjoni tas-settur produttiv f'dawn l-arċipelagi, kif deskritta fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm Poseima (1992 sa 1993), issejjaħ għal miżuri doganali addizzjonali;

Billi l-Gvern Portugiż, b'ittra ddatata s-7 ta' Frar 1994, talab għal tnaqqis fid-dazji doganali fuq materja prima għall-ipproċessar fiż-żona ħielsa ta' Madeira u sussegwentement rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa fit-territorju tal-Komunità fl-għamla ta' prodotti kkumpensati;

Billi ż-żoni ħielsa ta' Madeira u l-Ażores huma komponent kruċjali fl-istrateġija għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żewġ reġjuni; billi ż-żieda fl-attività fiż-żoni ħielsa jkollha riperkussjonijiet sinifikanti fuq l-iżvilupp ta' dawn l-arċipelagi bid-diversifikazzjoni ta' produzzjoni u ħolqien ta' impiegi;

Billi, mħabba s-similaritajiet ekonomiċi u ġeografiċi bejn Madeira u l-Ażores, miżuri għandhom ikunu proposti għal żoni ħielsa fiż-żewġ arċipelagi;

Billi l-Madeira u l-Ażores huma fost ir-reġjuni l-anqas żviluppatti tal-Komunità, il-prodott gross nazzjonali *per capita* tagħhom huwa anqas minn nofs il-medja tal-prodott gross nazzjonali *per capita*

tal-Komunità; billi l-bilanċ tal-kummerċ jinsab f'defiċit profond minħabba, fost affarijiet oħra, l-iskarsezza ta' prodotti tajbin għall-esportazzjoni; billi l-prodotti tagħhom, għal dawn ir-raġunijiet, iħabbtu wiċċhom ma diffikultajiet serji meta jaslu fis-suq tal-Komunità; billi dan l-intopp isejjaħ għad-diversifikazzjoni u l-aġġornament tal-produzzjoni;

Billi l-fornitura lill-arċipelagi ta' materja prima x'aktarx tistimula is-sostenibbiltà ta' attivitajiet ta' proċessar u b'hekk tissodisfa dawn il-ħtieġiet; billi, sabiex tiffaċilita l-kummerċ tal-prodotti ta' dawn l-attivitajiet ta' proċessar fil-Komunità, disposizzjoni għandha ssir għal trattament ta' tariffi favorevoli ta' l-importazzjoni fil-Madeira u l-Ażores ta' materja prima li ma tkunx agrikola għall-ipproċessar; billi, madanakollu, biex tkun evitata ħsara lill-produtturi konċernati tal-Komunità, l-għoti ta' trattament ta' tariffa bħal dan għandu jkun soġġett għal kondizzjonijiet speċifiċi, jgħifieri li l-ipproċessar iseħħ fiż-żoni ħielsa u li jkun jikkostitwixxi proċessar sostanzjali ta' l-oġġetti;

Billi d-dħul ta' l-oġġetti intitolati għall-imsemmi trattament ta' tariffa għandhu jkun mogħti bi qbil mad-disposizzjonijiet tal-Komunità dwar l-użu finali; billi, barra dan, ir-regoli tal-Komunità dwar l-orijini ta' oġġetti huma l-aktar propizji sabiex ikun stabblit l-ammont ta' proċessar meħtieġ; billi dawn jeżiġu li oġġetti ma jistgħux ikunu ikkunsmati jew użati f'żoni ħielsa;

Billi l-għoti ta' trattament ta' tariffa huwa ta' natura temporanja marbut mal-qawmien ekonomiku taż-żoni ħielsa tal-Madeira u l-Ażores; billi l-għajnuna għandha madanakollu tkun disponibbli matul perjodu twil biżżejjed biex jgħin l-operaturi ekonomiċi li jipplanaw l-attivitajiet tagħhom u biex jagħmlu investiment xieraq; billi dan il-għan jista' jintlaħaq jekk il-miżura in kwistjoni tkun applikabbli għal minimu ta' 10 snin;

Billi l-għoti ta' trattament ta' tariffa favorevoli għandu jkun meqjus prodott abbażi ta' talbiet magħmula mill-awtoritajiet Portugiżi;

(<sup>1</sup>) ĠU L 171, tad-29.6.1991, p. 10.

billi l-Kummissjoni, mgħejjuna mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 247 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 <sup>(1)</sup>, għandu jeżamina dawn it-talbiet u jassigura li trattament favorevoli ta' tariffa ma jkunx mogħti għad-dettriment ta' setturi oħra ta' attivitá fl-arcipielgi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Id-dazji doganali applikabbli għal oġġetti rilaxxati f'ċirkolazzjoni ħielsa fiż-żoni ħielsa ta' Madeira u l-Ażores jistgħu jkunu mnaqqsqa b'sa 100 % bil-kondizzjoni li:

- l-oġġetti jkunu sejrin jiġu proċessati sal-limitu meħtieġ mill-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u bl-Artikoli 35 sa 46 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 <sup>(2)</sup>,
- l-ipproċessar ikun kollu mwettaq fil-konfini ġeografiċi taż-żoni ħielsa ta' Madeira u l-Ażores.

2. Prodotti agrikoli fit-tifsira ta' l-Artikolu 38 tat-Trattat u elenkati fl-Anness II tat-Trattat u l-prodotti li ma jinsabux fl-Anness II akkwistati minn prodotti agrikoli jew dawk li jinkorporaw prodotti bħal dawn għandhom ikunu esklużi mill-qasam ta' l-applikazzjoni tad-deċiżjoni li hemm disposizzjoni dwarha fil-paragrafu 1. Din l-esklużjoni ma tinkludix il-prodotti tas-settur tas-sajd, ħlief dawk li jibbenefikaw minn sistema tal-Komunitá ta' kumpens għal soprataxxi ġenerati għal reġjuni aktar imbiegħda kif hemm disposizzjoni dwar dan f'Deċiżjoni 91/315/KEE.

3. Oġġetti għandhom ikunu eliġibbli għal trattament ta' tariffa favorevoli skond l-Artikoli 291 sa 304 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. Madanakollu, l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa għall-għoti ta' trattament bħal dan għandhom ikunu mogħtija biss lill-persuni stabbiliti fil-Komunitá.

#### Artikolu 2

Il-lista ta' oġġetti ammessi bit-trattament ta' tariffa li hemm disposizzjoni dwarha f'dan ir-Regolament u r-rati mnaqqsqa tad-dazji doganali għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura li hemm disposizzjoni dwarha fl-Artikolu 3(2), fuq il-bażi ta' talbiet magħmulha mill-awtoritajiet Portugiżi.

Id-disposizzjonijiet l-oħra ta' implimentazzjoni għal dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati bl-istess proċedura.

#### Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit permezz ta' l-Artikoli 247 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 t'Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali tal-Komunitá (ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1). Regolament kif emendat bl-Att tal-Adeżjoni tal-1994.

<sup>(2)</sup> ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1762/95 (ĠU L 171, tal-21.7.1995, p. 8).

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'terminu li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni. L-opinjoni għandha tkun mogħtija mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta dwar il-proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu peżati skond kif imniżżel f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li japplikaw immedjatament. Madanakollu, jekk dawn il-miżuri ma jkunux bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom jiġu mgħarrfa minnufih mill-Kummissjoni lill-Kunsill. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tidifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li hi tkun iddeċidiet għal tlett xhur mid-data tan-notifika.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fit-terminu msemmi fis-subparagrafu preċedenti.

3. Il-Kumitat jista' jeżamina kull materja li tikkonċerna l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament li titqajjem mill-President tiegħu kemm fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru.

#### Artikolu 4

Oġġetti rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa bit-trattament ta' tariffa skond kif hemm provdut f'dan ir-Regolament għandhom jibqgħu taħt is-sorveljanza doganali bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 82 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

#### Artikolu 5

L-awtoritajiet kompetenti Portugiżi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' Jannar ta' kull sena bil-volum ta' importazzjoni mdaħħla fis-sena preċedenti bit-trattament ta' tariffa skond kif hemm provdut f'dan ir-Regolament.

#### Artikolu 6

Kemm-il darba l-volum jew il-prezz ta' importazzjoni ta' prodotti mdaħħla bit-trattament ta' tariffa skond kif provdut f'dan ir-Regolament ikunu tali mod hekk li joħlqu jew jheddu li joħlqu ħsara lill-produtturi fil-Komunitá ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta, id-dazji rilevanti jistgħu jerġgħu ikunu mposti mill-ġdid kollha kemm huma jew parti minnhom fuq il-prodotti in kwistjoni, bi qbil mal-proċedura li hemm disposizzjoni dwarha fl-Artikolu 3(2). Miżuri bħal dawn jistgħu wkoll jittieħdu meta jkun hemm ħsara serja jew theddida ta' ħsara serja lejn reġjun wieħed tal-Komunitá.

*Artikolu 7*

It-trattament ta' tariffa li hemm disposizzjoni dwaru f'dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2005.

Wara konsultazzjonijiet ma' l-awtoritajiet kompetenti Portugiżi, il-Kummissjoni għandha, matul is-sena 2000, tistudja l-effetti ta' dawn il-miżuri fuq l-ekonomija taż-żewġ arċipelagi. Abbażi

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Jannar 1996.

tas-sejbiet tagħha, għandha, jekk xieraq, tippreżenta proposti xierqa lill-Kunsill għall-kumpliment tal-perjodu.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. DINI

---